# Mis-Sagrestija tal-Parroċċa tal-Mosta

*minn* ***Lorenzo ZAHRA***



Fis-sagrestija tal-Knisja Parrokkjali tal-Mosta, hekk kif tidħol għandek tintlaqat b'dehra sabiħa billi ma ħajt faċċata fil-għoli tara erba kwadri tawwalin u f'nofshom Kurċifiss impressjonanti. Din id-dehra toffri kuntrast billi l-knisja u s-sagrestija joffru aspett ġdid u arjuż ta' żmienna fil-waqt li l-kwadri msemmija joffru dehra antika tas-sekli l-imgħoddija. Għal dawk li ftit jagħtu każ ta' dan l-aspett xtaqt nagħraf l-oriġini ta' dawn il-kwadri qodma, b'forma tawwalija li bla dubju għandhom ifakkruna fit-tempju oriġinali tal-parroċċa Mostija.

Il-kwadri juru juru erba' Qaddisin: San Kosma, San Damjan, San Lawrenz Martri u San Filippu Neri. L-ewwel tnejn huma magħrufa bħala t-Tobba ta' Kristu billi f'ħajjithom daru bil-morda u hekk ġew dikjarati bħala l-protetturi tat-tobba. Il-qima lejhom konna nsibuha fil-Belt Valletta għand il-Patrijiet Franġiskani Konventwali, fil-Birgu fil-Parroċċa u fil-Knisja tal-Lunzjata, kif ukoll fir-Rabat għand il-Franġiskani Minuri (Ta' Ġieżu). F'din il-Knisja tar-Rabat wieħed jara proprju kopja ta' dawn il-kwadri li naraw fis-sagrestija tal-Mosta, li jidhru wkoll ta' l-istess għamla u daqs. Iż-żewġ Qaddisin l-oħra huma l-Levita San Lawrenz, li miet mixwi fuq gradilja f'Ruma fejn għadu miżmum fost il-patruni ta' dik il-belt; u l-ieħor juri lil San Filippu Neri, li kien Saċerdot li ħadem ħafna pastoralment f'Ruma wkoll, l-aktar għar-riforma tal-ħajja tal-kleru.

Dawn il-kwadri huma tifkira tal-knisja l-qadima tal-Mosta u kienu f'waħda mill-kappelli tal-lemin tal-knisja. F'kull kwadru hemm arma, naturalment li turi l-benefattur tagħhom, u għalhekk ma nafux min hu l-awtur tagħhom. Imma meta saru fil-bidu tas-seklu sbatax, l-arti tal-pittura fostna kienet aktarx importata jew ta' xi pitturi barranin.

Kienu fil-kappella ta' Sant'Anna fejn kien hemm kwadru tal-Familja Mqaddsa bil-Madonna taċ-Ċintura kif ukoll jidhru magħhom Santu Wistin, San Nikola ta' Tolentino u Santa Katerina ta' Lixandra. Fil-prospettiva mal-kwadru titolari fl-artal kien hemm dawn l-erba' kwadri mqegħda bi gwarniċa tal-ħaġar kull wieħed u bejniethom kien hemm kapsuli b'relikwija tal-Martri. Fil-viżta pastorali sa mill-bidu tas-seklu sbatax, kienu bil-lampier jixgħel kull nhar ta' sibt u fil-festi.

Jidher li dawn saru minn Dun Salvatore Fenech li għoġbu wkoll iwaqqaf obbligi għal quddies u primi vespri u għal dan il-għan waqqaf fondazzjonijiet billi ħalla biċċa art f'Ta' Qali f'kuntrada ma' ta' Calleja (Tal-Qlejja?). Dan għamlu b'att għand in-Nutar Simon Galea fl-14 ta' Awwissu 1605. Indri Darmanin u martu Anna Fenech ukoll ħalliet obbligu għall-quddiesa nhar Sant'Anna, jiġifieri fis-26 ta' Lulju.

Marbuta ma' din il-kappella li kellha dawn ix-xbihat qaddisa ta' Kosma, Damjan, Lorenzo u Filippu kienu twaqqfu legati oħra fosthom dak ta' Duminku Vassallo għand in-nutar Ġwann Fenech fl-14 ta' Mejju 1654 u ieħor f'Diċembru 1655 ta' l-istess. U ieħor ta' Kostant Fenech għand in-nutar Marko Attard fit-2 ta' Marzu





*San Kosma u San Damjan.*
*(ritratti: Jos. A. Vella F.R.P.S., E. FIAP., E.S. FIAP)*

1624. Dan kollu juri r-rabta ta' din il-familja Fenech mal-knisja parrokkjali tal-Mosta.

Mill-viżta pastorali jidher ukoll li l-knisja kellha aktar relikwi li kienet tgħożż b'tant qima. Dawn kienu: tas-Salib Imqaddes - *vero legno*; ta' San Benedettu; ta' Santa Marija Maddalena; ta' San Ġużepp u ta' San Leonardu. Jidher li dawn ir-relikwi kienu għotja tal-Patrijiet Kapuċċini.

Fil-limiti tal-parroċċa fis-seklu sbatax kien hemm ukoll dawn il-kappelli jew knejjes tal-kampanja. Dawn kienu ddedikati lil: 1) San Anton Abbati, 2) San Leonardu, 3) San Pawl Eremita, 4) Santa Margerita, 5) Sant'Andija Appostlu, 6) l-Immakulata Konċezzjoni, 7) l-Assunzjoni ta' Marija u 8) lill-Viżitazzjoni tal-Madonna.

*15 ta' Ottubru 1999.*

**Referenzi:**
*Tagħrif mill-Visti Pastorali, Mons. Cocco Palmuri, a.d. 1693.*





*San Lawrenz Martri u San Filippu Neri.*
*(ritratti: Jos. A. Vella F.R.P.S., E. FIAP., E.S. FIAP)*

Manuel Bezzina Co Ltd
Għargħur

*Żerriegħa tal-Patata ta' l-aqwa kwalità*

LISETA - CARA - AVONDALE - SLANEY

Tel: 410204 - 0949 7346